MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru. 363/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Anthony Ellul**

Kumpilazzjoni Nru: 363/2008

Il-Qorti,

Rat l- akkuzi migjuba kontra l- imsemmi Anthony Ellul ta' 45 sena, iben il- mejjet John u Giuseppa nee` Curmi, mwieled Paola fit- 13 ta' Lulju, 1961 u residenti 13, Triq Isuard, Marsa detentur tal- karta ta' l- identita` bin- numru 545261M.

Akkuzat talli bejn Novembru, 2007 u April, 2008, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Harold Buhagiar u Charmaine Buhagiar ai terminu ta' l- artikoli 308, 309 u 310 tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Harold Buhagiar u Charmaine Buhagiar ai terminu ta' l- artikoli 293 u 294 tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar ricediv b' sentenza mghotija mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 5 ta' April, 2007.

Il- Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l- piena skond il- Ligi, tordna lill- imputat sabiex ihallas l- ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal- hatra tal- esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-artikoli

a) 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

c) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

d) 17, 18, 23A, 23B, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma illum fil-waqt li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u huwa kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat ukif ukoll l-fedina penali tieghu. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat qed juri sinjali li huwa verament jixtieq jirriabilita ruhu u jaghmel tajjeb ghall-izbalji li ghamel, tant li dahal f’kuntatt ma’l-agenzija Caritas biex uzufruwixxi mill-programm li tofffri din l-agenzija lill-vittmi ta’l-uzura.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija disposta tghati lill-imputat l-ahhar oppportunita biex jirriabilita ruhu u jhallas l-ammonti kollha dovuta minnu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a), fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggiha taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li fi zmien sena jhallas lil Harold u Charmiane konjugi Buhagiar is-somma ta’ €3028.19.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti tordna n-nontifika lild-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------